MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 393/2013

**Mobisle Communications Ltd**

**vs**

**Tanti Paul**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta` attrici talbet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, sitt mija u tnejn u disghin ewro u wiehed u sittin centezmu (€1,692.61c) in kwantu ghal disa' mija u ghoxrin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€920.71c) in konnessjoni ma' 99458437 AC 51052954; sitta u disghin ewro u sebghin centezmu (€96.70c) in konnessjoni ma' 79458437 AC 50931829; u sitt mija u hamsa u sebghin ewro u ghoxrin centezmu (€675.20c) in konnessjoni ma' 7999599 AC 40165425, liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratti datati 21 ta' April 2010, 30 ta' Lulju 2009, u 4 ta' Jannar 2011 rispettivament.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali 593 ta’ l-2003 u bl-imghaxijiet mit-13 ta’ Marzu 2013 data ta’ l-imsemmija ittra ufficjali.

It-Tribunal ra d-dokumenti mehmuza ma’ l-istess avviz tat-talba liema dokumenti gew immarkati minn Dok.“A” sa Dok.“I”.

It-Tribunal ra n-nota ta’ ammissjoni tal-konvenut li gietipprezentata seduta stante. Fic-cirkostanzi t-Tribunal qed jilqa’ it-talba tas-socjeta` attrici u qed jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf, sitt mija u tnejn u disghin ewro u wiehed u sittin centezmu (€1,692.61c) bl-imghax kif mitluba.

L-ispejjez ta’ din il-kawza jigu sapportati mill-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------